

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Palma de Mallorca
(Spanja) fit-12 ta' Jannar 2023 – Eventmedia Soluciones SL vs Air Europa Líneas Aéreas SAU**

(Kawża C-11/23, Eventmedia Soluciones)

(2023/C 155/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Palma de Mallorca

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Eventmedia Soluciones SL

Konvenut: Air Europa Líneas Aéreas SAU

Domandi preliminari

- 1) L-inklużjoni, f'kuntratt ta' trasport bl-ajru, ta' klawżola bħal dik esposta, tista' titqies bħala eċċeżżjoni inammissibbli fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 261/04 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (¹), minħabba li tillimita l-obbligi tat-trasportatur, billi tillimita l-possibbiltà li d-dritt tal-passiġġieri għal kumpens minħabba kanċellazzjoni ta' titjira jiġi ssodisfatt permezz ta' trasferiment ta' kreditu?
 - 2) L-Artikolu 7(1), moqrif flimkien mal-Artikolu 5(1)(c) u mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/04, jista' jiġi interpretat fis-sens li l-ħlas ta' kumpens minħabba kanċellazzjoni ta' titjira, dovut mit-trasportatur inkarigat mit-twettiq tat-titjira, huwa obbligu impost mir-Regolament irrispettivament mill-eżistenza ta' kuntratt ta' trasport mal-passiġġier u min-nuqqas, kolpuż, ta' twettiq ta' obbligi kuntrattwali tat-trasportatur tal-ajru?
- Sussidjarjament, fil-każ li jitqies li l-imsemmija klawżola ma tikkostitwixxix eċċeżżjoni inammissibbli konformément mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 261/04 jew jekk jiġi kkunsidrat li d-dritt għal kumpens huwa ta' natura kuntrattwali, qiegħdha ssir is-segwenti domanda preliminari:
- 3) L-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inguisti f'kuntratti mal-konsumatur (²), għandhom jiġi interpretati fis-sens li l-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq talba abbażi tad-dritt għall-kumpens minħabba kanċellazzjoni ta' titjira previst fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 261/04, għandha tistħarreġ ex officio l-eventuali natura inguista ta' klawżola, inkluża fil-kuntratt ta' trasport, li ma tippermettix li l-passiġġier jittrasferixxi d-drittijiet tiegħi, meta t-talba titressaq mill-persuna li favuriha sar t-trasferiment li, b'kuntrast mal-persuna li titrasferixxi, ma hijiex konsumatur jew utent?
 - 4) Fil-każ li jkun hemm lok li jitwettaq l-istħarriġ ex officio, id-dmir li l-konsumatur jiġi informat u li jiġi kkonstatat jekk jinvokax in-natura inguista tal-klawżola jew inkella jekk jaċċettahiekk, jista' jiġi injorat fid-dawl tal-intenzjoni li huwa wera meta t-trasferixxa l-kreditu tiegħi, bi ksur tal-klawżola eventwalment inġusta li ma kinitx tippermetti t-trasferiment tal-kreditu?

(¹) ĴU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 7, Vol. 8, p. 10.

(²) ĴU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 15, Vol. 2, p. 288 bir-Rettifikasi fil-ĴU 2023, L 17, p. 100.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Gliwicach
(il-Polonja) fit-18 ta' Jannar 2023 – F S.A. vs Dyrektorowi Krajowej Informacji Skarbowej**

(Kawża C-18/23, Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej)

(2023/C 155/34)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Wojewódzki Sąd Administracyjny w Gliwicach